Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,612, 5 ta' Mejju, 1998
Taqsima B

A.L. 118 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għall-Grad ta' Master of Arts - M.A. - in Baroque Studies

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn ir-Regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-Regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolament ta' l-1998 għall-Grad ta' Master of Arts - M.A. - in Baroque Studies.

(2) F'dawn ir-Regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'ohra:

"il-Bord" ifisser il-Bord ta' l-Istitut Internazzjonali għall-Istudji fil-Barokk;

"il-Grad" ifisser il-Grad li jwassal għall-Grad ta' Master of Arts - M.A. - in Baroque Studies;

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għall-Grad ta' Master of Arts - M.A. - in Baroque Studies.

Applikabilita'

2. Dawn ir-Regolamenti għandhom japplikaw għal korsijiet li jibdew f'Ottubru 1996 jew wara.

Eliġibilita' għad-Dħul

3. (1) Kandidat jista' jirreġistra għall-Kors jekk normalment għandu fil-pussess tiegħu mill-inqas Grad bl-Unuri tat-Tieni Klassi Taqsima Inferjuri jew l-ekwivalenti f'baċċellerat fid-dixxiplina rilevanti minn din jew minn

Universita' oħra rikonoxxuta mis-Senat bla ħsara għal kull kundizzjoni oħra speċifikata f'dawn ir-Regolamenti.

(2) L-applikanti kollha għandhom qabel ikunu ammessi li jirreġistraw għall-Kors ikunu approvati mill-Bord, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Koordinatur tal-Kors, bħala li jippossjedu t-taħriġ, it-tagħrif u l-kapaċitajiet meħtieġa għall-Kors.

It-Tul tal-Kors

4. (1) Studenti għal dan il-Grad jeħtieġ:

(a) isegwu fuq bażi *full-time* u jtemmu b'success mill-inqas tmien taqsimiet studju, li l-kontenut tagħhom għandu jkun determinat mill-Bord, u jkun approvat mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Koordinatur tal-Kors; u

(b) jippreżentaw dissertazzjoni miktuba fuq suġġett approvat mill-Bord fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Koordiantur tal-Kors mhux inqas minn 15 u mhux iktar minn 25 xahar skond il-kalendarju wara r-reġistrazzjoni. Il-Bord jista' qabel il-preżentazzjoni tad-dissertazzjoni, jestendi l-perjodu ta' 24 xahar għal perjodu ieħor li ma jeċċedix sitt xhur skond il-kalendarju.

Is-Superviżjoni tad-Dissertazzjoni

5. Il-Bord għandu jaħtar superviżur għal kull student. L-istudent għandu jirrapporta lis-superviżur mill-inqas darba kull xahrejn u barra minnhekk frekwentament skond kemm is-superviżur jqies li jkun meħtieġ. Is-superviżur jista' jirreferi lill-Bord, student li huwa jikkunsidra x-xogħol tiegħu mhux sodisfaċenti u għandu jirreferi għall-approvazzjoni tal-Bord, kull modifikazzjoni sostanzjali fit-titlu jew fil-kontenut tad-dissertazzjoni proposta. Ebda dissertazzjoni ma għandha tkun sottomessa lill-eżaminaturi mingħajr iċ-ċertifikat, iffirmat mis-superviżur, li l-istudent ikkonforma ma' dawn ir-Regolamenti.

It-Titolu tad-Dissertazzjoni

6. Student għall-Grad jinħtieġ jipproponi, fi żmien erba' xhur mill-bidu tal-Kors, suġġett partikolari għad-dissertazzjoni tiegħu; is-suġġett għandu jaqa'

fil-qasam ta' wieħed jew iktar mill-oqsma ta' studju offerti u l-proposta ta' riċerka għandha tkun dettaljata kemm jista' jkun sabiex il-Bord ikun jista' jivvaluta l-adattabilita' tagħha.

Il-Kontenut tad-Dissertazzjoni

7. (1) Kull dissertazzjoni għandha:

(a) tkun jew ġabra ta' xogħol oriġinali jew espressjoni ordinata u kritika ta' data eżistenti fuq suġġett partikolari;

(b) tissodisfa lill-Bord relevanti rigward l-ilsien u l-preżentazzjoni letterarja; u

(c) twettaq l-ispeċifikazzjonijiet kollha tar-Regolament 7(2) dwar it-tul u Regolament 8 dwar il-format.

(2) Id-dissertazzjoni m'għandhiex tkun inqas minn 20,000 kelma u mhux iktar minn 25,000 kelma, li jinkludu l-*footnotes* iżda li jeskludu l-bibljografija u l-appendiċi.

(3) L-ebda dissertazzjoni ma għandha tkun aċċettata li hija identika fis-sustanza ma' dissertazzjoni diġa' sottomessa għal grad f'din l-Universita' jew f'oħra rikonoxxuta mis-Senat. L-ebda kandidat, madankollu, ma għandu jinżamm milli jinkorpora dan ix-xogħol ta' dissertazzjoni diġa' sottomess sakemm jista' jkun meħtieġ għall-preżentazzjoni u għal ftehim iħaħ ta' l-espożizzjoni tiegħu;

Iżda n-natura u l-iskop ta' dan ix-xogħol inkoporat ikun indikat b'mod ċar fid-dissertazzjoni nfisha.

Il-Preżentazzjoni tad-Dissertazzjoni

8. Ir-Regolament 8 tar-Regolamenti ta' l-1992 tal-Grad ta' Master of Arts - M.A. - li jirregolaw il-preżentazzjoni tad-dissertazzjoni, għandhom jirregolaw ukoll il-preżentazzjoni tad-dissertazzjoni għall-Grad.

L-Eżami Finali

9. (1) Il-forma ta' l-Eżami Finali għandha tkun kif ġej:

(a) L-Ewwel Parti: Erba' karti bil-miktub, kull waħda ta' tul ta' tliet sigħat, fuq l-oqsma kollha ta' studju koperti mill-Kors:

(b) It-Tieni Parti: (i) Dissertazzjoni;
(ii) Eżami viva voce fuq id-dissertazzjoni u fuq il-qasam ġenerali ta' l-għerf li taqa' fih.

(2) Student ma għandux jikkwalifika għall-Grad jekk ma jgħaddix fiż-żewġ partijiet ta' l-Eżami Finali.

L-Eżaminaturi

10. Kemm l-erba' karti bil-miktub, imsemmija fir-Regolament 9(1) fuq, kif ukoll id-dissertazzjoni għandhom ikunu eżaminati minn bord ta' mhux inqas minn tliet eżaminaturi, li wieħed minnhom għandu normalment ikun eżaminatur estern minn Universita' oħra rikonoxxuta mis-Senat.

Sottomissjoni mill-Ġdid tad-Dissertazzjoni

11. Student li d-dissertazzjoni tiegħu tinstab li mhix sodisfaċenti jista' jitħalla mill-Bord, fuq ir-rakkomandazzjoni ta' l-eżaminaturi, li jissottomettiha mill-ġdid f'għamla riveduta fi żmien ta' mhux inqas minn sitt xhur skond il-kalendarju mill-jum li fih tkun ingħatatlu lura.

Riparatorju

12. Student li ma jgħaddix minn Parti I ta' l-Eżami Finali jista' jitħalla jagħmel riparatorju ta' dik il-parti ta' l-Ezami Finali darba, taħt il-kundizzjonijiet li l-Bord jista' jiddetermina.

Ir-Riżultat Finali

13. (1) Ir-Riżultat Finali ta' kull student għandu jqis ir-riżultat ta' l-erba' karti bil-miktub, li għandhom ikollhom il-piż ta' 40%, il-merti tad-

dissertazzjoni u d-difiża orali mill-istudent li għandha jkollha l-piż ta' 40%, u l-livell milħuq tiegħu matul il-Kors, li għandu jkollu l-piż l-ieħor ta' 20%.

(2) Studenti li jgħaddu għandhom jikkwalifikaw għall-Grad u isimhom għandu jkun ippublikat f'ordni alfabetiku kklassifikat kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda